MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 219/2001/1

**Lawrence Zammit**

**vs**

**Chairman tal-Bord tat-Tmexxija Istitut ta' l-Istudji Turistici u b' digriet tat-13 ta' Frar 2002 gie kjamat in kawza d-Direttur tat-Turizmu**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' disa' mija erbgha u tletin lira erba' centezmi (LM934.04) bhala danni minnu subiti in

segwitu ghal incident li gara fis-7 ta’ Gunju 2000 meta waqt li l-vettura nru JAA 302, propjeta tal-attur, kienet ipparkjata fil-kumpless tal-Istitut tal-Istudji Turistici gewwa Pembroke, din garrbet hsara estensiva meta scaffolding tal-hadid - li thalla inkustodit - waqa’ghal fuq l-imsemmija vettura - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Gunju 2000, dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Settembru 2000, u dawk tan-notifika ta’ l-att lill-Avukat Generali skond il-ligi, bl-imghax legali mill-25 ta’ Settembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament, l-esponent mhux il-legittimu kuntradittur stante li r-rapprezentanza tal-Istitut ghall-Istudji Turistici hija f’idejn id-Direttur tat-Turizmu;

2 L-incident in kwistjoni sehh minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti min-naha tal-attur, stante li l-attur dahal u pparkja fil-post in kwistjoni volontarjament u minghajr ebda awtorizzazzjoni, u pparkja f’post perikoluz;

3 Fi kwalunkwe kaz, trid tingieb prova dwar il-kwantum tad-danni allegatament sofferti;

4 Fir-rigward tal-ispejjez mitluba, l-ispejjez li jistghu jintalbu huma biss dawk tal-atti ufficjali tal-Qorti u ghalhekk mhux dovuti l-ebda spejjez ta’ ittri li m’humiex atti tal-Qorti;

5 Ghalhekk l-esponent mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur u m’ghandu jbati l-ebda spejjez;

6 Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Direttur tat-Turizmu fejn eccepixxa illi:

1 L-incident in kwistjoni sehh minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti min-naha tal-attur, stante li l-attur dahal u pparkja fil-post in kwistjoni volontarjament u minghajr ebda awtorizzazzjoni u pparkja f'post perikoluz;
2 Fi kwalunkwe kaz, trid tingieb prova dwar il-kwantum tad-danni allegatament sofferti;
3 Fir-rigward tal-ispejjez mitluba, l-ispejjes li jistghu jintalbu huma biss dawk tal-atti ufficjali tal-Qorti u ghalhekk mhux dovuti l-ebda spejjez ta' ittri li m'humiex atti tal-Qorti;
4 Ghalhekk l-esponent mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur u m'ghandu ibati l-ebda spejjez;
5 Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2002 fejn id-difensur tal-konvenut tiddikjara illi l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda esklussivament ir-responsabbilta u mhux il-kwantum tad-danni.

Rat id-digriet tat-13 ta' Marzu 2003 fejn gie nominat lil AIC Richard Aquilina bhala perit tekniku sabiex ihejji pjanta tal-lokal u jindika fuqha dak kollu li hu relevanti ghal kaz tenut kont ta' xi sottomissjonijiet li jghamlu l-partijiet fl-access.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Richard Aquilina li giet ipprezentata fis-6 ta' Gunju 2003.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta ampjament illi fis-7 ta’ Gunju, 2000, ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30 am) meta l-vettura ta’ l-attur tal-marka ‘Rover’ b’registrazzjoni numru JAA 302, kienet ipparkeggjata fil-bitha tal-kumpless ‘Martin Luther King’ amministrat mic-‘Chairman’ Tal-Bord Tat-Tmexxija ta’ l-Istitut ta’ l-Istudji Turistici, u dwar liema kumpless anke l-kjamat fil-kawza, d-Direttur tat-Turizmu, assuma r-responsabbilita’, waqa’ fuq l-istess vettura ‘scaffolding’ ossia armar illi kien gie kostruwit u kien qed jigi uzat minn impjegati ta’ l-Istitut ta’ l-Istudji Turistici u dan taht l-istruzzjonijiet ta’ l-amministratur ta’ l-istess kumpless.

Dan kollu gie ukoll specifikament ikkonfermat mill-unika persuna ohra, oltre l-attur, li kienet fil-kumpless, cioe’, mill-gwardjan l-iehor Francis Micallef  fid-depisozzjoni tieghu tat-13 ta’ Frar, 2002.

F’ dan l-incident il-vettura ta’ l-attur sofriet danni estensivi kif jidhru fir-ritratti li gew esebiti, u liema danni ammontaw ghas-somma komplessiva ta’ disa’ mija u erba’ liri Maltin u erba’ centezmi (Lm904.04) liema “quantum” ma giex kontestat la mill-konvenuti u lanqas mill-kjamat fil-kawza.

Id-dokument ‘RS 12’, ritratt esebit mill-attur, juri l-post ezatt fejn kienet ipparkeggjata l-vettura ta’ l-istess attur, u anke jidher l-‘scaffolding’ li effettivament kien waqa’ fuqha u li kkawza l-hsara fuqha.

Minn naha tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza l-kontestazzjoni tat-talba attrici fil-mertu, hija bbazata esklussivament fuq l-allegazzjoni li l-attur ipparkeggja l-vettura tieghu fil-post fejn giet iddannegjata volontarjament u minghajr ebda awtorizzazzjoni ta’ min kien qed jidderigi u jamministra l-kumpless, u meta l-istess post kien evidentement perikoluz.

Infatti bl-ewwel (1) eccezzjoni taghhom fil-mertu, il-konvenut u l-kjamat fil-kawza eccipew illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba inprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti minn naha ta' l-attur, stante li l-attur dahal u ipparkja fil-post in kwistjoni volontarjament u minghajr ebda awtorizzazzjoni u pparkja f'post perikoluz".

Mill-provi jirrizulta illi, dak inhar ta' l-incident kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol ta' l-attur fil-kumpless taht it-tmexxija ta' l-'ITS' u kien qed jahdem bhala 'security guard' mall-kumpanija imsejha 'Group Four'.

Jirrizulta ukoll li dak inhar kienet gurnata ta' vaganza pubblika u ma kienx hemm impjegati ohra jew dirigenti tal-kumpless fil-bini fejn l-attur kien xoghol.

Ghalhekk, billi jirrizulta ukoll illi ebda delegat tad-diretturi tal-kumpless ma' ltaqa' ma' l-attur biex tah xi struzzjonijiet specifici dwar kif u fejn ghandu jipparkeggja l-vettura tieghu, biex tista' tirnexxi l-eccezzjoni tal-konvenut u l-kjamat in kawza, huma jridu jippruvaw illi jew il-periklu li l-istess 'scaffolding' seta' jaqa' minn hin ghall-iehor kien evidenti ghal kulhadd, jew li l-bitha kienet prekluza ghad-dhul ta' karozzi b'ostakoli jew sinjali ndikattivi ta' xi perikolu, jew ta' projbizzjoni espressa ta' l-access.

Jirrizulta zgur illi s-'security guard' l-iehor jew almenu l-attur, ma kienux gew avzati personalment li l-parkegg fil-bitha ma kienx awtorizzat, jew li gie ndikat lilhom il-periklu minhabba l-'scaffolding' qabel ma gara l-incident.

Infatti, z-zewg gwardjani kienu pparkeggjaw il-vettura privata taghhom f'din il-bitha, u jirrizulta ampjament li ma kellhom ebda hjiel ta' xi 'scaffolding' li seta' jipperikola lilhom jew lill-vettura taghhom.

Jirrizulta ukoll, li ghalkemm, il-bitha fejn l-attur ipparkeggja l-vettura kienet wahda nterna u mifruda b'kancell minn ambjenti ohra, ic-cavetta ta' l-istess kancell kienet fdata f'idejn l-istess gwardjani, wiehed minnhom l-attur, u li

dahhlu l-vettura taghhom fil-bitha biex ipparkeggjawa hemmhekk, vicin fejn kienu xoghol u ghalhekk taht il-kustodja taghhom ukoll.

Ghalkemm Taddeo Camilleri, deputat direttur tal-'ITS' isostni li mall-koxxa tar-rixtellu kien hemm sinjal li jipprekludi parkegg fil-bitha, huwa ma ndikax il-kliem ezatt miktub f'dan l-avviz u jammetti li lill-attur u lill-shabu qatt ma kkomunikalhom direttament jew indirettament li l-ipparkeggjar fil-bitha kien prekluz.

Inoltre, l-istess Taddeo Camilleri ma giex korroborat f'dan minn xhud iehor tal-konvenut, Dennis Sammut. Dan Sammut jallega li s-sinjal ma kienx mal-koxxa tar-rixtellu, izda kien imwahhal mar-rixtellu stess u kien sinjal bil-kliem fuqu "no parking" u l-istess xhud jikkonferma illi ma kien hemm ebda sinjal simili gewwa l-bitha.

Ghalkemm dan l-istess xhud, impjegat bhala 'electrician' u 'handyman' ma' l-'ITS', interpreta li l-kliem 'no parking' mar-rixtellu huma ndikattivi illi hadd ma seta' jipparkeggja fil-bitha, din l-interpretazzjoni ma taghmilx sens billi s-sinjal seta' ikun vizibbli biss meta r-rixtellu jkun maghluq u meta ghalhekk hadd ma jista' jidhol.

L-interpretazzjoni logika hija li s-sinjal mar-rixtellu kien qed javza illi hadd ma seta' jipparkeggja l-vettura tieghu quddiem ir-rixtellu meta jkun maghluq, biex anzi ma jigiex ostakolat l-access ghall-bitha.

Din l-interpretazzjoni hija ukoll korroborata mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku u l-pjanta annessa, peress li minn hemmhekk jirrizulta illi l-perit tekniku nnota kliem miktubin fl-art quddiem ir-rixtellu 'keep clear' in konferma illi kull avviz li seta' kien hemm mar-rixtellu jew fil-vicinanzi tieghu kienu ntizi biex hadd ma jipparkeggja quddiem dan ir-rixtellu u biex anzi jzommu 'clear' l-access ghall-istess bitha.

Inoltre, il-perit tekniku waqt l-access ma nnota l-ebda sinjal fl-intern tal-bitha illi seta' kien qed javza lill-pubbliku

biex ma jipparkeggjax vetturi gol-bitha u lanqas ma gie ndikat lilu xi sinjal simili.

Ghalhekk in-nuqqas ta' ebda sinjal fil-bitha, li espressament kien jipprekludi parkegg ta' vetturi, in nuqqas ta' ebda avviz moghti lill-attur li l-parkegg fil-bitha kien prekluz u n-nuqqas ta' xi ntimazzjoni lill-attur dwar il-possibilita' ta' xi periklu minhabba l-'scaffolding', jindikaw li l-attur qatt ma kellu ghalfejn jissuspetta la li l-parkegg fil-bitha seta' kien prekluz, jew li l-istess parkegg kien remotament perikoluz.

Iktar u iktar l-attur ma kellu jkollu ebda dubju meta kien inghata c-cavetta tar-rixtellu u naghta l-access liberu ghal go din il-bitha minghajr ebda limitazzjoni, u l-fatt illi, meta pparkeggja go din il-bitha kien hemm diga' ipparkeggjata l-vettura tal-gwardjan l-iehor, jwassal f'kumpless ta' cirkostanzi kollha ndikattivi illi l-parkegg fil-bitha fejn ipparkeggja l-attur mhux biss kien ittolerat imma anke kien awtorizzat.

Ghaldaqstant jirrizulta ampjament illi l-attur m'ghandu ebda responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni, anzi tirrizulta, minn naha l-ohra, responsabbilita' esklussiva tad-dirigenti ta' l-'ITS' ghal dan l-incident.

Infatti, jirrizulta li l-armar ta' l-'scaffolding' kien gie fdat lil Dennis Sammut 'electrician' u lil Carmel Bonnici 'handy man' li *ex admissis* jistqarr li l-armar ta' 'scaffolding' ma kienx xogholu izda kien ukoll tal-fehema li 'biex tarma 'scaffolding' ma tridx tmur l-universita''; oltre dan in-nuqqas ta' sengha u esperjenza ta' dawn l-impjegati huwa evidenti meta jirrikonoxxu li ma kienux jafu li jekk thalli l-fallaki u c-craret ma' l-armar dawn jistghu jilqghu go fihom ir-rih b'rizultat li l-'scaffolding' jista' jigi spostat il-fuq.

Infatti l-istess haddiema hasbu biss biex jorbtu l-'scaffolding' mill-parti ta' fuq biss sabiex dan ma jelibx, bil-parti ta' taht ghalihom sigura u mizmuma f'postha bil-piz biss tal-parti ta' fuq.

Ghalhekk meta r-rih sposta l-parti ta' fuq l-armar ta' taht spicca maqlugh minghajr ebda rbit mall-hajt, b'rizultat li waqa'.

Ghalhekk ta' din in-negligenza u mperizja ghandhom jirrispondu l-konvenut u l-kjamat fil-kawza bhala dirigenti tal-kumpless 'Martin Luther King', u ghalhekk iridu jaghmlu tajjeb ghad-danni rizultanti li sofra l-attur ammontanti ghas-somma ta' disa' mija, erbgha u tletin lira Maltin u erba' centezmi (Lm934.04).

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikundanna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' disa' mija, erbgha u tletin lira Maltin u erba' centezmi (Lm934.04) bl-imghax legali mill-25 ta' Jannar, 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji espediti mill-attur kontra l-konvenuti u l-kjamat fil-kawza *in solidum* bejniethom."

Il-konvenut u l-kjamat in kawza appellaw minn din is-sentenza li eskludiet l-eccezzjonijiet taghhom. Huma jikkontestawha fuq tliet aspetti, u cjoe:-

(1) Li b' osservazzjoni ghall-kwezit tal-Qorti huma rnexxielhom jippruvaw illi kien jezisti perikolu evidenti kif ukoll li jiddimostraw illi kien hemm senjaletika li turi li l-ipparkeggjar fil-bitha tal-kumpless kien projbittiv;

(2) F' kull kaz, kien hemm responsabilita` kontributorja da parte ta' l-attur fit-termini ta' l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili;

(3) Finalment, li mill-fatti akkwiziti, gjaladarba nstab li l-iscaffolding gie preparat skond is-sengha, allura dak li sehh kien purament *casus* ghal liema japplika d-dispost ta' l-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16;

Ma jidherx li hu l-kaz li din il-Qorti toqghod tirrepeti l-fatti li taw lok ghall-incident in kwantu dawn jinsabu sew replikati fis-sentenza appellata. Anzi fil-fehma tal-Qorti, il-konsiderazzjonijiet dwarhom mill-ewwel Qorti qed jitqiesu inecepibbli anke ghaliex jidher li dawn gew affrontrati minnha bir-reqqa dovuta u fid-dettalji saljenti taghhom. Ghal dak li jiswa, mir-ri-ezami akkurat li din il-Qorti ghamlet ta' dawn l-istess fatti tista' forsi tissenjala dawn l-aspetti li dehrilha l-aktar sostanzjali ghall-kaz:-

(1) Ma kien hemm xejn indikattiv, la permezz ta' xi istruzzjonijiet verbali, jew permezz ta' sinjali, fuq is-sit, illi l-attur, jew is-*security guard* l-iehor Francis Micallef, ma setghux jipparkeggjaw l-vetturi taghhom fil-bitha tal-kumpless. Kif korrettement rilevat mill-ewwel Qorti s-sinjali "No Parking" u "Keep clear" fuq il-parti esterna tar-rixtellu kienu ragonevolment intizi biex hadd ma jipparkja quddiemu u ma jostakolax l-access li mir-rixtellu kien jikkonduci ghall-ambjenti nterni tal-bitha;

(2) Forsi aktar importanti hu l-fatt konstatat illi gewwa l-bitha ma kien hemm xejn indikattiv manifestanti projbizzjoni ta' ipparkeggjar minnhabba l-fatt ta' l-ezistenza ta' l-i*scaffolding*. In-nuqqas ta' immarkar fl-art permezz ta' kaxex ma kienx *ut sic* u ghal din ir-raguni jservi ta' xi monitu li wiehed ma setax jipparkeggja l-vettura tieghu;

(3) Huwa fatt illi minn dak li johrog mix-xhieda, senjatament dik ta' Carmel Bonnici (fol. 78) illi l-i*scaffolding* li kkawza d-dannu ma kienx armat u assikurat b' irbit sufficcjenti. Fi kliem dan ix-xhud il-parti ta' isfel ta' l-i*scaffolding* ma jkunx hemm ghalfejn torbotha ghax din ikollha l-piz tat-tliet partijiet ta' fuqha;

(4) L-istess xhud ghal darba, darbtejn fil-kors tad-deposizzjoni tieghu jikkonfessa illi gjaladarba kien is-sajf qatt ma basar li r-rih seta' jaffettwa l-i*scaffolding* b' mod li din il-parti ta' isfel tinqala' u taqa' ghal isfel;

(5) Huwa veru illi x-xhieda prodotti mill-konvenuti jghidu li ma kien jithalla hadd jipparkeggja fil-bitha imma

mbaghad hadd minnhom ma qal illi tali ordni giet impartita wkoll lis-*security guards*, u in partikolari lill-attur;

Precizati dawn l-ispunti mill-fatti, biex verament il-kondotta ta' l-attur danneggjat tista' tikkomporta l-eskluzjoni tar-responsabilita` tal-konvenuti appellanti, irid jintwera b' mod tassew konvincenti illi l-imprudenza, imperizja u negligenza attribwita lilu mill-appellanti kienet il-kawza unika u esklusiva ta' l-event dannuz, b' mod li tirrendi guridikament irrilevanti l-imgieba precedenti ta' l-awtur ta' l-illecitu.  Fil-hsieb tal-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti l-ebda addebitu bhal dan ma jista' jigi rinfaccjat lill-attur;

Dan precizat, certament jikkostitwixxi principju konsolidat illi fl-ezercizzju ta' l-attivitajiet kulhadd hu tenut ghall-osservanza tal-limiti mposti mil-principju "*neminem laedere*", liema principju jestendi ruhu ghall-ezekuzzjoni u manutenzjoni ta' opri u ghal vigilanza u kontroll tax-xoghlijiet;

In-norma stabbilita fl-Artikolu 1031, Kodici Civili tikkostitwixxi l-punt centrali tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tobbliga l-awtur tal-lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali li jkunu jidderivaw mill-att jew ommissjoni.  Rekwizit essenzjali li jrid jigi provat hi d-determinazzjoni tal-kolpa li n-norma fil-precitat artikolu tqieghed bhala presuppost tar-responsabilita`.  Ma' dan hu abbinat l-artikolu sussegwenti 1032 ta' l-istess Kodici.  Kif ahjar imfisser fid-decizjoni a **Vol. XLIX  P II  p 1027**, "il-colpa akwiljana tokkorri meta d-dannu jigi kagonat f' rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala <u>ksur tad-dover ta' protezzjoni</u> jew tad-dover generali *neminem laedere* kombinat man-negligenza taht l-artikoli 1075, 1076 (illum 1031 u 1032) tal-Kodici …";

Fl-ambitu ta' din il-kolpa dovuta ghan-negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias*,

il-ligi tinsisti fuq ir-rekwizit tal-prevedibilita` ta’ l-event li jgib il-hsara lill-proprjeta` tat-terzi. “Prevedibilita` din li trid tkun ta’ probabilitajiet ragonevoli u mhux ta’ possibilitajiet remotissimi jew inverosimili” (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 258**);

Applikati dawn il-principji ghal kaz in desamina huwa evidenti illi kien hemm ommissjoni da parti ta’ l-impjegati ta’ l-appellanti. Din hi individwata mill-fatt illi dawn ma hadux dawk il-prekawzjonijiet adegwati biex jassikuraw illi l-parti ta’ isfel ta’ l-i*scaffolding* ikolha sigurta b’ irbiet appozitu konsimili ghal partijiet ta’ fuqha. In effetti fi kliem ix-xhud Dennis Sammut (fol. 73) responsabbli wkoll mill-armar ta’ l-i*scaffolding*, “dik il-parti marbuta baqghet marbuta izda waqghet il-bicca ta’ taht”, u ghalkemm jghid li ma jafx kif waqghet, kellu jkun ovvju u daqstant iehor previdibbli illi din setghet ticcaqlaq minn postha jekk ma kellhiex irbit. Mhux skuzanti li kif inghad mix-xhud l-iehor siehbu, Carmel Bonnici, illi din il-parti ma ntrabtetx ghax ma kienx jobsor li f’ dak iz-zmien tas-sajf seta’ jaghmel ir-rih. Ir-riskju kien hemm u dan seta’ jigi evitat kieku ttiehdu l-mizuri preventivi adegwati. Riskju dan li in rapport ghall-attivita` zvolta ghandu b’ konsegwenza jigi akkollat lil min igibu jew iqeghdu fis-sehh. Kienet din l-inosservanza ta’ l-obbligu posittiv ta’ kondotta li waslet, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita, l-event dannuz ghall-attur;

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***”, Appell Kummercjali, 6 ta’ Frar 1928, “*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclame l’ indennizzo riesca a provare non solo l’ atto o l’ omissione colposa del denunciato, ma altresi che l’ atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ed effetto col pregudizio sofferto dall’ instante*.” Fil-fattispeci tal-kaz tali prova tinsab adegwatament raggunta;

Stabbilit il-fatt tar-rapport ta’ kawzalita`, l-appellanti jghaddu biex bit-tieni aggravju jivventilaw negligenza

kontributorja fl-attur ghal fatt li dan dahal u pparkeggja l-vettura fil-bitha u li hu seta' jara, u kien jidher bic-car, li kienu ghaddejjin xoghlijiet;

Ghal dan l-argoment twiegeb sewwa l-enuncjazzjoni traccjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Annunziato D' Amato *et* -vs- Joseph Camileri *et***", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 (**Vol. XLII P I p 74**):-

"Lanqas ma jiskaguna minn din ir-responsabilita` lid-danneggjant l-argoment illi, jekk id-dannu kien prevedibbli ghad-danneggjant, kien ukoll prevedibbli ghad-danneggjat, u li ghalhekk kien hemm da parti tieghu htija kontributorja. Din hi n-nuqqas ta' min ma jiehux hsieb ragjonevoli ghas-sikurezza tal-persuna jew tal-proprjeta` tieghu; imma f' din il-materja hu principju li bniedem huwa gustifikat jahseb li l-iehor sejjer jadopera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat id-dannu, u d-dover li jiehu hsieb li ma jigrix d-dannu hu ta' min ikun ser jaghmel l-att li mbaghad igib dak id-dannu; u l-fatt li dan ma jaghmel ebda twissija ta' perikolu lid-danneggjat ghandu jikkonferma lid-danneggjat li d-danneggjant kien qieghed jaghmel l-att bil-prekawzjonijiet kollha mehtiega; u ghalhekk in-nuqqas ta' previzjoni tad-danneggjat ma jammontax ghal negligenza kontributorja";

Gravam iehor mqanqal mill-appellanti hu dak tal-kaz fortuwitu jew *casus*. Huma jadducu b'argoment illi jekk il-haddiema li ramaw l-i*scaffolding* hadmu skond is-sengha, izda mbaghad b' incident li donnu hadd ma jispjegah, waqghet il-parti ta' taht tieghu, allura hawn si tratta ta' *casus* ghal liema japplika d-dispost ta' l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili;

Jidher mill-ewwel evidenti illi l-appellanti jiskartaw ghal kollox il-principju ferm assodat illi il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat ta' necessita ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikun preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni (**Kollez Vol. XXX P II p 142**).

Ghall-precizazzjoni l-Imhallef Giovanni Pullicino fis-sentenza fl-ismijiet "**P. L. Costantino Fenech -vs- Camillo Gatt *nomine et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 17 ta' Mejju 1902 a **Vol. XVIII P II p 164**, qal wisq tajjeb illi "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell' uomo*".

Gja gie demostrat f' dan il-kaz illi l-haddiema ta' l-appellanti ma hadux hsieb jassikuraw kif kien hekk jirrikjedi illi l-i*scaffolding* kollu, u mhux parti minnu biss, ikollu dik is-sigurta mehtiega biex jilqa' ghall-fatturi naturali bhar-rih, li kif maghruf, jonfoh fl-istaguni kollha f' pajjizna. Dawn il-haddiema kienu responsabilita` ta' l-appellanti u ghalhekk kif itenni il-**Laurent** ("**Principii di Diritto Civile**", Vol. XVI pagna 248, para. 262), "*se il debitore è responsabilie del fatto del terzo, non puo certamente invocarlo come caso fortuito*". Bil-fatt accertat tan-nuqqas ta' prekawzjonijiet l-appellanti qeghdu ruhhom volontarjament f' dik il-posizzjoni. Ghalhekk ikollu jinghad illi "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa e il quasi delitto*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 172**);

Anke allura dan l-aggravju jimmerita li jigi skartat.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mill-ewwel Qorti li maghhom din il-Qorti tikkonkorda, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------